Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [1])

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 34/04)

Deċiżjonijiet ta' għoti ta' awtorizzazzjoni

Referenza tad-Deċiżjoni [1]	Id-data tad-deċiżjoni	L-isem tas-sustanza	Detentur tal-awtorizzazzjoni	Numru tal-awtorizzazzjoni	Użu awtorizzat	Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami	Raġunijiet għad-deċiżjoni
C(2019) 169	Il-21 ta' Jannar 2019	1,2-dikloroetan Nru tal-KE 203-458-1 Numru tal-CAS 107-06-2	ORGAPHARM, Rue du Moulin de la canne, 45300 Pithiviers, Franza.	REACH/19/11/0 REACH/19/11/1	L-użu ta' 1,2-dikloroetan bħala solvent tal-proċess fil-manifattura ta' Sustanza Farmakoloġikament Attiva: Acetat tal-felcainide L-użu ta' 1,2-dikloroetan bħala solvent tal-proċess fil-manifattura ta' Sustanza Farmakoloġikament Attiva: Idrokloru tan-nefopam	fit-22 ta' Novembru 2024.	Skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi jegħlbu r-riskju għas-saħħa tal-bniedem li ġej mill-użu tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata f'termini tal-fattibbiltà teknika u ekonomika tagħha.

[1] Id-Deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about/index_mt.htm

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.